



IL-FINANZJAMENT TAL-PAK: FATTI U ĊIFRI

Il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ġie żgurat minn fond wieħed għal bosta snin, il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), li mill-1 ta' Jannar 2007 ġie sostitwit mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Ir-Regolament dwar il-PAK 2023-2027 jintroduċi mudell ta' implimentazzjoni ġdid (pjan strateġiku) għan-nefqa kollha tal-PAK.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

- It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Artikolu 40(3);
- [Ir-Regolament \(UE, Euratom\) 2020/2093](#) tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;
- [Ir-Regolament \(UE\) 2021/2115](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiffasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013;
- [Ir-Regolament \(UE\) 2021/2116](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013;
- [Ir-Regolament \(UE\) 2021/2117](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u (UE) Nru 228/2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

L-IŻVILUPP TAL-QAFAS FINANZJARJU AGRIKOLU

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK), li nħolqot f'Jannar tal-1962, kienet imsejsa fuq il-FAEGG. FI-1964, dan il-Fond inqasam f'żewġ taqsimiet, jiġifieri, it-Taqsim tal-"Garanziji" u t-Taqsim tal-"Gwida", li kellhom regoli differenti.



Mill-1988, il-fondi saru soġġetti għal dixxiplina baġitarja stretta wara l-introduzzjoni tal-ewwel Ftehim Interistituzzjonali, li kien fih perspettiva finanzjarja mill-1988 sal-1992.

Il-qafas finanzjarju pluriennali 2 007-2013 ġie approvat fl-2006 (1.4.3). Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 ħoloq żewġ fondi agrikoli Ewropej, li jiffinanzjaw il-PAK: il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Il-FAEG (l-1 pilastru tal-PAK) jiffinanzja n-nefqa kollha relatata mal-pagamenti diretti lill-bdiewa (3.2.8) u n-nefqa kollha relatata mas-suq (3.2.4). Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jiddefinixxi l-karatteristiċi finanzjarji u tal-ipprogrammar tal-FAEŻR (it-2 pilastru tal-PAK) (3.2.9). Il-FAEŻR jikkofinanzja t-titjib tal-kompetittività fis-settur agrikolu u dak tal-forestrija, il-miżuri agroambjentali, it-titjib fil-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u l-inkoraġġiment għad-diversifikazzjoni fl-ekonomija rurali, u l-bini ta' ħiliet lokali (Initiative Leader). Taħt it-TFUE (3.2.1), iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) jiddeċiedu flimkien it-totalità tan-nefqa fil-qasam agrikolu.

Il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 ġie approvat fl-2013. Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 iddetermina n-nefqa agrikola għall-perjodu 2014-2020, li kienet tammonta għal EUR 408 313 biljun (71.3% għall-pagamenti diretti, 24.4% għall-iżvilupp rurali u 4.3% għall-miżuri tas-suq).

F'Diċembru 2020 il-koleġiżlaturi approvaw ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. B'riżultat ta' dan, EUR 378 532.3 miljun (fi prezzijiet attwali) saru disponibbli għall-benefiċjarji tal-PAK sa mill-1 ta' Jannar 2021, li jirrappreżentaw 31% tal-baġit totali tal-UE (ara t-tabella hawn taħt). Il-miżuri ta' żvilupp rurali tal-PAK se jibbenefikaw mir-riżorsi addizzjonali tal-programm Next GenerationEU (NGEU) biex jiffinanzjaw l-irkupru ekonomiku u soċjali wara l-kriżi tal-COVID-19 (EUR 8 070.5 miljun). L-ammont totali tal-impenji tal-PAK għall-perjodu 2021-2027 huwa għalhekk ta' EUR 386 602.8 miljun.

BAĠIT TAL-PAK TAL-UE-27 (Approprjazzjonijiet ta' impenn – EUR miljun fi prezzijiet attwali)	(A) Sena 2021	(B) Qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 (QFP)	% (B)
(1) PILASTRU 1 TAL-PAK Pagamenti diretti u miżuri fis-swieq agrikoli	40 368.0	290 534.0	76.8%
(2) PILASTRU 2 TAL-PAK (2a) Il-miżuri ta' żvilupp rurali skont il-QFP (2b) Miżuri addizzjonali ta' żvilupp rurali skont l-Next Generation EU (NGEU) (strument ta' rkupru temporanju)	15 345.0 2 387.7	87 998.3 8 070.5	23.2% ---
(3) TOTAL PAK 2021-2027, UE-27 [(1) + (2a)]	55 713.0	378 532.3	100%
(4) IMPENJI TAL-UE TOTALI	168 496.0	1 221 719.5	---
(5) % tal-PAK [(3) / (4)]	33.1%	31.0%	---



(6) PAK TOTALI: QFP 2021-2027 + NGEU 2021-2022 [(1) + (2a) + (2b)]	58 100.7	386 602.8	---
(7) QFP TOTALI 2021-2027 + NGEU 2021-2022	333 108.9	1 642 788.7	---
(8) % tal-PAK [(5) / (6)]	17.4%	23.5%	---

Għas-sena finanzjarja 2021, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt, 93% tan-nefqa taħt il-pilastru 1 (EUR 40.77 biljun skont l-aktar rapport finanzjarju riċenti ppubblikat għall-2021) jikkonsisti f'għajjuna diretta lill-bdiewa (EUR 37.87 biljun). Franza hija l-pajjiż li l-aktar jirċievi fondi mill-PAK (17.1%), u warajh Spanja (12.5%), il-Ġermanja (11.2%) u l-Italja (10.5%). F'dak li jikkonċerna l-FAEŻR, Franza u l-Italja huma l-benefiċjarji ewlenin (13.1% u 10.1% rispettivament), segwiti mill-Ġermanja (9.3%) u Spanja (8.3%).

NEFQA TAL-PAK SKONT KULL STAT MEMBRU (UE-27, 2021)

Stat Membru	Tqassim ta' fondi skont kull Stat Membru Għajjuniet diretti/Swieq u miżuri oħra 2021/Żvilupp rurali 2021 (EUR miljun)			
	a. Għajjuniet diretti (L-ewwel pilastru – FAEG)	b. Total L-ewwel pilastru – FAEG (inkl. (a.))	c. Total FAEŻR (It-tieni pilastru)	(b+c) % tat-total tal-UE
BE	498.6	557.3	83.2	1.17%
BG	843.2	867.9	354.6	2.25%
HR	347.7	360.7	382.1	1.36%
CZ	852.3	869.4	357.1	2.25%
DK	798.5	808.2	116.7	1.7%
DE	4 615.1	4 739.8	1 354.0	11.2%
EE	165.4	167.1	91.6	0.47%
EL	1 990.9	2 232.6	635.8	5.3%
ES	5 055.0	5 666.8	1 149.3	12.5%
FR	6 807.7	7 372.2	1 913.1	17.1%
IE	1 180.7	1 190.6	343.3	2.8%
IT	3 552.3	4 241.7	1 470.8	10.5%
CY	47.3	52.71	22.2	0.14%
LV	294.7	297.1	124.0	0.77%
LT	510.2	514.7	188.9	1.3%
LU	34.3	34.9	15.41	0.1%
HU	1 276.6	1 310.4	576.5	3.5%
MT	5.1	5.2	14.9	0.04%
NL	651.3	703.1	163.1	1.6%
AT	683.3	707.3	580.7	2.37%
PL	3 319.7	3 351.3	1419	8.8%



PT	756.4	8 60.9	393.7	2.3%
RO	1 885.2	1 953.0	1 215.1	5.8%
SI	132.5	139.5	119.1	0.5%
SK	384.7	395.8	138.9	1.0%
FI	517.3	526.0	388.3	1.7%
SE	673.0	686.3	319.7	1.85%
EU	0.0	164.2	0.0	0.3%
EU-27	37 878.8	40 776.5	14566.4	—

Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea, il-15-il Rapport Finanzjarju dwar il-FAEG u l-FAEŻR għas-sena finanzjarja 2021.

F'Diċembru 2021, il-Parlament u l-Kunsill adottaw tliet proposti leġiżlattivi dwar il-PAK 2023-2027. [Ir-Regolament \(UE\) 2021/2115](#), [ir-Regolament \(UE\) 2021/2116](#), u [r-Regolament \(UE\) 2021/2117](#) introduċew mudell ta' implimentazzjoni ġdid għall-finanzjament tal-PAK ibbażat fuq pjanijiet strateġiċi nazzjonali li għandhom jiġu abbozzati minn kull Stat Membru. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-PAK tiffoka fuq il-prestazzjoni u r-riżultati u tapplika approċċ imfassal apposta li jippermetti flessibilità akbar lill-Istati Membri biex japplikaw il-politika fil-livell lokali. Jekk jogħġbok ara t-tabella ta' hawn taħt għall-finanzjament allokat tan-nefqa pubblika ppjanata stabbilita fil-pjanijiet taħt iż-żewġ fondi.

ID-DISTRIBUZZJONI TAN-NEFQA PUBBLIKA TOTALI PPJANATA GĦALL-FAEG U L-FAEŻR SKONT IR-REGOLAMENT TAL-PAK 2023-2027.

TIPI TA' INTERVENT	Kontribuzzjoni tal-UE (EUR)	Kofinanzjament nazzjonali*	Nefqa pubblika totali (Kofinanzjament UE u nazzjonali)	% bħala sehem tan-nefqa pubblika totali
Appoġġ permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew (FAEG)				
BISS – Appoġġ bażiku għall-introjt għas-sostenibbiltà (Art. 21-28)	96 697 483 142	mhux applikabbli	96 697 483 142	31%
CIS – Appoġġ akkoppjat għall-introjt (Art. 32-35)	23 030 903 969		23 030 903 969	7%
CIS-YF – Appoġġ komplementari għall-introjt għall-bdiewa żgħażaġħ (Art. 30)	3 407 403 394		3 407 403 394	1%
CRIS – Appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjt għas-sostenibbiltà (Art. 29)	20 094 247 101		20 094 247 101	7%



Ekoskema – Skemi għall-klima, l-ambjent u t-trattament xieraq tal-annimali (Art. 31)	44 712 639 715		44 712 639 715	15%
Qoton – Pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton (Art. 36-41)				
Total tal-pagamenti diretti – FAEG**	189 109 706 310	mhux applikabbli	189 109 706 310	62%
Apikultura (Art. 54-56)	285 607 172	324 387 287	609 994 458	0.2%
Żebbuġ (Art. 63-65)	218 729 300		218 729 300	0.07%
Inbid (Art. 57-60)	4 142 887 347		4 142 887 347	1%
Ħops (Art. 61-62)	10 940 000	mhux applikabbli	10 940 000	0.004%
Frott u ħaxix (Art. 49-53)	4 142 887 347		4 142 887 347	1%
Setturi oħra (Art. 66-68)	110 171 983		110 171 983	0.04%
Appoġġ settorjali totali – FAEG (Art. 42-48)	8 915 271 473	324 387 287	9 239 658 760	3%
Appoġġ permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għal Żvilupp Rurali (FAEŻR) AECC – relatata mal-ambjent/il-klima/it-trattament xieraq tal-annimali (Art. 70)	20 289 987 423	12 922 384 337	33 212 371 761	11%
ANC – Żoni b'restrizzjonijiet naturali (Art. 71)	10 598 347 767	8 117 856 724	18 716 204 491	6%
ASD – Żoni bi żvantaġġi speċifiċi (Art. 72)	501 286 959	329 170 180	830 457 139	0.3%
INV – Investimenti (Art.73 u 74)	18 433 062 578	12 945 827 188	31 378 889 766	10%
INSTAL – Stabbiliment tal-bdiewa u ta' negozji ġodda (Art. 75)	3 411 775 402	1 763 146 568	5 174 921 970	2%
RISK – Għodod għall-ġestjoni tar-riskju (Art. 76)	2 731 774 898	1 859 749 688	4 591 524 586	1%
COOP – Kooperazzjoni (Art.77)	7 033 768 843	4 125 997 116	11 159 765 960	4%
KNOW – Għarfien u informazzjoni (Art.78)	1 134 104 929	939 153 317	2 073 258 246	0.7%
Assistenza teknika***	1 864 585 916	mhux applikabbli	1 864 585 916	0.6%



Appoġġ totali permezz tal-FAEŻR – Żvilupp rurali	65 998 694 714	43 003 285 120	109 001 979 834	35%
Nefqa totali ppjanata tal-PAK	264 023 672 497	43 327 672 407	307 351 344 904	

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, it-28 Pjan Strateġiku tal-PAK approvat (2023-2027), Ġunju 2023.

*Il-kontribuzzjoni nazzjonali jew il-kofinanzjament ma jinkludux finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 146 tar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK (CSP). Il-pagamenti għall-appoġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 mhumiex inklużi fis-CSPs. It-trasferimenti bejn il-fondi huma inklużi.

** Pagamenti diretti: Fir-rigward tal-Anness V aġġustat tar-Regolament CSP (it-total jinkludi l-prodott stmat tat-tnaqqis), fejn l-Istati Membri għamlu dik l-għażla, it-total jinkludi l-ammont stmat li jirriżulta mil-limitu massimu tal-ammonti mogħtija lill-bdiewa, u b'hekk it-total ippjanat tal-interventi kollha taħt il-pagamenti diretti huwa ogħla mill-ammont stabbilit fl-Anness V tar-Regolament dwar is-CSP, għalhekk id-differenza tikkorrispondi għal-limitu massimu; il-pagamenti għall-qoton mhumiex ippjanati bħala intervent u l-allokkazzjonijiet tagħhom huma stabbiliti fl-Anness VIII tar-Regolament dwar is-CSP.

*** Żvilupp Rurali: l-assistenza teknika ffinanzjata mill-fondi nazzjonali mhijiex inkluża; il-pagamenti għall-irtirar bikri, li hija miżura mill-perjodu 2007-2013 b'pagamenti massimi għal 15-il sena (madwar EUR 5 miljun b'kollox, inklużi EUR 2 miljun iffinanzjati mill-FAEŻR), mhumiex inklużi.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Ftehimiet Interistituzzjonali tal-1988, tal-1993, tal-1999 u tal-2006 taw lill-Parlament Ewropew vuċi akbar dwar in-nefqa obligatorja. Fl-2009, [it-Trattat ta' Liżbona](#) ta lill-Parlament l-istess saħħa tal-Kunsill fuq il-baġit kollu tal-UE. In-negozjati twal dwar ir-regolament dwar il-qafas finanzjarju għall-2014-2020 wasslu għal ftehim f'Novembru 2013. Il-Parlament kiseb aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-intestaturi baġitarji, saħħaħ l-unità baġitarja, żgura l-użu immedjat mill-Istati Membri tal-appropriazzjonijiet pendenti mill-baġit tal-2013 u żgura żieda fl-appropriazzjonijiet allokatati taħt l-Intestatura 1 (kompetittività) ([pożizzjoni tad-19 ta' Novembru 2013](#) tal-Parlament Ewropew u [d-deċizzjoni tad-19 ta' Novembru 2013](#) tal-Parlament Ewropew). Min-naħa tiegħu, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Żvilupp Rurali tejjeb xi aspetti finanzjarji tas-sistema tal-PAK il-ġdida, wara l-añhar trilogi li saru f'Settembru 2013.

L-ewwel proposta dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għal wara l-2020 ġiet ippreżentata fit-2 ta' Mejju 2018. Dan l-abbozz ta' baġit fit-tul ġie sostitwit f'Mejju 2020 mit-tieni proposta msaħħa mill-istrument Next GenerationEU sabiex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jkunu jistgħu jgħinu aňjar biex tisewwa l-ħsara ekonomika u soċjali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal- [14 ta' Novembru 2018](#), [it-23 ta' Lulju 2020](#) u [s-17 ta' Diċembru 2020](#).



Wara proċess twil ta' negozjati bejn iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, intlaħaq ftehim fis-17 ta' Diċembru 2020.

F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni intitolata "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE", li poġġiet l-isfidi li jiffaċċjaw iż-żoni rurali fil-qalba tal-istrateġiji tal-UE. Il-Parlament adotta [riżoluzzjoni](#) fit-13 ta' Diċembru 2022 dwar viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE – Lejn żoni rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperi sal-2040. Ir-riżoluzzjoni tirrikonoxxi r-rwol ewlieni taż-żoni rurali fl-indirizzar tal-isfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali, tappoġġja l-iżvilupp ta' patt rurali, tisħaq fuq l-importanza tal-mekkaniżmi ta' verifika rurali u tissottolinja l-ħtieġa għal sinerġiji u koordinazzjoni bejn l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE għal dawn it-territorji.

Vera Milicevic
12/2023

